MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 455/2008

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Andy Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Andy Calleja ta’ 27-il sena, mwieled il-Pieta’ fit-12 ta’ Lulju 1980, iben Carmelo u Maria Violetta nee’ Zammit, residenti gewwwa 43, Seaview Block B, Dawret ix-Xatt, Xghajra u detentur ta’ numru tal-karta tal-identita’ 338180(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-11 ta’ Ottubru, 2005:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

U aktar talli:

Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artiklu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat li l-imputat fis-seduta tat-23 ta’ Novembru, 2009 irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha.

Semghet il-provi dwar il-piena.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi mill-provi migjuba - u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghalkemm fil-kaz odjern, il-hati ammetta fl-ahhar tat-tieni seduta mizmuma ghall-provi, l-ammissjoni tieghu ma tistax titqies bhala wahda bikrija, li din l-ammissjoni saret wara li l-prosekuzzjoni kienet tellghet kwazi ix-xhieda u ezebiet il-provi kollha taghha u fil-fatt fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni kienet ippruvat il-kaz taghha l’hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, anki ghaliex l-imputat, li qed jiskonta piena ghal ghomru fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, inqabad *in flagrante* waqt *strip search* mill-gwardjani tal-habs li sabulu d-droga f’zewg pakketti fil-qalziet ta’ taht.[1] Huwa ovvju li meta l-imputat sab ruhu daru mal-hajt, ammetta biex forsi jiehu xi mitigazzjoni fil-piena ghall-ammissjoni. Pero l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija, u ghalhekk m’ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra ammissjoni.

[1] Ara xhieda ta’ SCO Joseph Farrugia a fol. 19 tal-process.

Mir-rapport tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud jirrizulta li lill-imputat sabulu s-segwenti drogi:[2]

1. fi blokka tar-rezina tal-*cannabis* tal-piz ta’ 4.8 grammi u l-purita kienet ta’ circa 9.7%
2. total ta’ 19.5 grammi herojina ta’ purita ta’ circa 43.4%

Kif inhu risaput f’dan il-qasam, id-doza tipika ghall-abbuz tar-rezina tal-*cannabis* hija ta’ 0.2 grammi, u ghalhekk mill-blokka tal-cannabis li instabet fuq l-imputat johorgu madwar 24 doza (4.8g divizi bi 0.2).

Min-naha l-ohra, kif inhu risaput f’dan il-qasam, id-doza tipika ghall-abbuz tal-erojina hija wkoll 0.2 grammi u ghalhekk mill-ammont ta’ erojina li nstabet fuq l-imputat johorgu madwar 97 doza (19.5 grammi divizi bi 0.2) – ammont sostanzjali, li certament mhux kompatibbli mal-uzu esklussiv tal-imputat, kif l-imputat stess ammetta.

Il-fedina penali tal-imputat hija wahda raffrettarja u ghandu tnax (12)-il kundanna minn dawn il-Qrati, li jvarjaw minn ksur tal-ligijiet tas-sewqan, ksur tal-ligijiet dwar il-prostituzzjoni, zewg kundanni ta’ pussess semplici ta’ droga, u diversi kundanni ta’ serq aggravat, anke bil-vjolenza, u fl-ahhar kundanna li ghandu s-serq sar *inter alia* flimkien ma’ omicidju, u ghal din l-ahhar kundanna qed jiskonta piena ghal ghomru l-habs, liema kundanna u piena gew konfermati mill-Qorti tal-Appell Kriminali b’sentenza tad-9 ta’ Gunju 2005 – cioe qabel l-incident li ta lok ghal proceduri kriminali odjerni.

Il-Psikjatra Joseph Spiteri xehed li peress li l-imputat kellu problema kbira ta’ abbuz ta’ droga gewwa l-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, fl-2007 tellghu fid-divizjoni tal-Forensic Unit tal-Isptar Monte Carmeli, li wkoll jaghmel parti mill-habs, biex ikun jista’ jaghmillu *detoxification* mill-problema tad-droga li kellu. Fis-seduta tat-18 t’April 2011, il-Psikjatra Joseph Spiteri xehed li l-istat mentali tal-imputat huwa issa stabbli u ilu tlett (3) snin *drug free.*[3]

Huwa vera li jidher mix-xhieda tal-Psikjatra Spiteri, li l-hati issa qabad it-triq it-tajba, izda dan l-fatt ma jezimix lill-hati mill-piena, aktar u aktar meta l-legislatur stess ipprovda li d-disposizzjonijiet tal-

[2] Ara r-rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud ezebit bhala Dok MM fil-*proces verbal*, li *a sua volta* huwa ezebit bhala Dok OD a fol. 14 tal-process.
[3] Ara xhieda tal-Psikjatra Dottor Joseph Spiteri a fol. 28 u fol. 34 tal-process.

Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tas-sentenza sospiza u tal-*Probation of Offenders Act* ma japplikawx ghar-reat in dizamina (Artikolu 120(7) tal-Kapitolu 31. Disposizzjoni identika tinsab fl-Artikolu 22(9) Kapitolu101. Dan effettivament ifisser li meta tinstab htija ta' traffikar ta' droga jew ta' pussess aggravat, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti hija tassattivament marbuta li tikkundanna lill-hati ghal piena ta' prigunerija effettiva u multa.

Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009 *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."* Fil-kaz odjern, il-kwistjoni ta' programm residenzjali ma tapplikax, ghax kif inghad, huwa qed jiskonta sentenza ta' ghomru l-habs.

Fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ghamlu s-segwenti verbal *"Il-partijiet jablu li l-piena idonea f'dan il-kaz tista' tkun wahda bejn 18 u 24 xahar prigunerija effettiva u multa."*[4] Din il-Qorti ghamlitha cara fis-seduta li ghalkemm ma kellhiex oggezzjoni li jsir verbal, hija mhix marbuta bil-verbal.[5]

Fil-fatt, il-Qorti tqis il-piena suggerita mill-partijiet hija wahda miti wisq, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammont ta' droga heroina misjuba. In oltre, il-Qorti ma tistax ma tharisx lejn ir-reati odjerni bhala reati ta' certa gravita, peress illi d-dhul ta' droga fil-habs mhux biss jikkostitwixxi ksur tal-ligi, izda jfisser *breakdown* fid-dixxiplina u fl-isforzi li jkunu qed isiru biex jigu mnedija prommi ta' riforma u riabilitazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' hames (5) snin prigunerija effettiva u multa ta' erbat elef Euro (€4,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsa u ghoxrin Euro (€125.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta' Dicembru 2014. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u dsatax-il Euro u disa' u ghoxrin centezmu (€419.29), ekwivalenti ghal mija u tmenin Lira Maltija (Lm180.00), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

[4] Ara fol. 37 tal-process.
[5] Ara fol. 41 tal-process.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------